MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

Seduta tal-31 ta' Jannar, 2011

Appell Civili Numru. 245/2008/1

**Jeffrey Darmanin**

**v.**

**Joan Darmanin**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors guramentatipprezentat mill-attur fid-29 ta' Mejju 2008, li jaqra hekk:

“1. Illi l-kontendenti zzewgu fit-12 ta' Ottubru, 1996 (Dok. A).

“2. Illi l-kunsens tal-partijiet ghal dan iz-zwieg inkiseb b’ qerq dwar xi kwalita’ tal-parti l-ohra li tista’ mix-xorta taghha tfixkel serjament il-hajja mizzewga.

“3. Illi l-kunsens tal-partijiet ghal dan iz-zwieg kien vizzjat b’ difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, jew b’ anomalija psikologika serja li taghmilha impossibli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg.

“4. Illi l-kunsens tal-partijiet ghal dan iz-zwieg inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta’ xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga.

“5. Illi l-kunsens tal-partijiet ghal dan iz-zwieg inkiseb billi l-kunsens intrabat ma’ kundizzjoni li tirreferi ghall-futur.

“6. Illi l-kunsens tal-partijiet, ghalkemm ma kienux interdetti jew morda b’ mohhhom, ma kellhom fiz-zmien li sar iz-zwieg, ukoll minhabba raguni temporanja, setghat intellettwali jew ta’ rieda bizzejjed biex jinholoq kunsens ghaz-zwieg.

“7. Illi ghalhekk l-imsemmi zwieg huwa null skond it-termini tal-artikolu 19(1)(c) u/jew 19(1)(d) u/jew 19(1)(f) u/jew 19(1)(g) u/jew 19(1)(h).

“Ghaldaqstant, l-esponenti jitlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti sabiex prevja kull dikjarazzjoni li hija mehtiega skond il-ligi:

“1. Tiddikjara u tiddeciedi illi z-zwieg ikkuntrattat bejn l-esponenti u l-intimata huwa null u bla effett.”

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenuta li in forza taghha irrispondiet:

“Illi jista’ jkun li jezistu elementi biex iz-zwieg ikun dikjarat null u bla effett taht l-artikolu precitati minnu ghal ragunijiet attribwibbli lir-ragel.

“Salv eccezzjonijiet ulterjuri.”

Rat is-sentenza moghtija mill-Qorti Civili, Sezzjoni Familja, fit-28 ta’ Jannar 2010 li in forza taghha cahdet it-talbiet attrici bl-ispejjez;

Dik il-Qorti tat is-sentenza taghha wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

“**L-Azzjoni**

“Illi permezz ta’ l-azzjoni odjerna l-attur qed jitlob minn din il-qorti dikjarazzjoni gudizzjali fis-sens li z-zwieg tieghu kuntrattat mal-konvenuta fit-12 Ottubru 1996 huwa null fil-ligi, stante li l-kunsens matrimonjali kien vizzjat fit-termini tal-paragrafi [c][d][f][g]  u [h] ta’ l-artikolu 19[1] tal-Kap.255 tal-Ligijiet ta’ Malta.

“Minn naha taghha l-konvenuta ma ddikjaratx il-pozizzjoni taghha, hlief li qalet li jistghu jezitu elementi ta’ fatt li jikkostitwixxu bazi ta’ annullament skond il-ligi, ghar-ragunijiiet attribwibbli lill-attur.

“**Il-Fatti**

“Illi mill-provi jirrizulta li l-partijiet izzewwgu fis-12 Ottubru 1996, meta allura l-attur kellu 28 sena u l-konvenuta kellha 29 sena, u wara li kienu ilhom jiffrekwentaw lil xulxin circa hames [5] snin.  Minn dan iz-zwieg twieldu zewgt-it tfal, fil-21 Frar 1999 u fit-28 Mejju 2003.  Fil-15 Dicembru 2003 isseparaw.

“*Verzjoni Attur*

“Illi l-attur jghid u jemfazizza li hu kien ha d-decizjoni li jizzewweg lill-konvenut peress li kellu x-xewqa kbira li

jitlaq mid-dar tal-genituri tieghu fejn kien imdejjaq hafna peress li missieru kien johodlu terz minn dak li kien jaqla'.

"Jghid li huwa bniedem rizervat u jzomm ruhu ghalih, u kien kwiet hafna, tant li, kemm l-iskola kif ukoll aktar tard fuq il-post tax-xoghol tieghu huwa kien bullied hafna; u ghal dan kien jirreagixxi billi jibki. Jghid li meta kien l-iskola t-tfal kien jitfghuh fid-dustbin.

"L-attur jghid li qabel iz-zwieg huwa kien jiffrekwenta t-tfajliet izda ma kienx ikollu relazzjonijiet intimi maghhom, filwaqt li, wara z-zwieg, gieghli hareg ma' nisa ohra, anzi jghid li waqt il-konvivenza matrimonjali huwa kellu "hafna tfajliet"[1]. Anke meta martu kienet tqila bit-tieni tarbija, huwa kellu relazzjoni extra matrimonjali ma mara ohra. Illum huwa ghandu relazzjoni stabbli ma' mara Filippina u jixtieq li jizzewwigha.

"L-attur jilmenta mill-fatt li, skond il-hu, il-konvenuta hi mara nervuza, filwaqt li hu hu bniedem kalm u kwiet. Jghid li huwa jibza' minn martu peress li din tghajjat, u hu jibza' mill-ghajjat, u ghalhekk ma kienx jikkonfrontaha, partikolarment meta hija kienet ta' spiss tkun riluttanti biex taghmel l-att taz-zwieg mieghu. Jghid li kienet din ir-riluttanza da parti ta' martu fir-relazzjonijiet intimi li kkostringietu li jiffrekwenta nisa orha waqt iz-zwieg.

"Rigward it-tieni wild jghid li "speci kont nieqes milli naghmel [is-sess]" u ghalhekk kien accetta li jkollu x' jaqsam ma' martu; izda jghid li ma kienitx gietu f' rasu li juza mezzi ta' prekawzzjoni biex martu ma tinqabadx tqila; pero' jammetti li meta kien ikollu x' jaqsam mal-mara li kien johrog maghha, huwa kien juza l-prezervattivi.

"*Verzjoni Konvenuta*

"Il-verzjoni tal-konvenuta tikkuntrasta f' diversi aspetti relevanti minn dik moghtija mill-attur.

---

[1] Dep. Fol.29 *et seq.*

"Din tammetti li matul il-hames snin ta' qabel iz-zwieg, l-attur kien jidher li kien bniedem kwiet u li kien jibza' minn missieru li kien johdlu parti mill-introjtu tieghu. Izda tilmenta mill-fatt li wara z-zwieg il-partijiet kienu jillitigaw hafna peress li l-attur kien bniedem ta' rasu u ried li "kollox [isir] kif ried hu"[2]; u taghti verzjoni differenti tal-litigju li kellhom fil-honeymoon.

"Il-konvenuta tilmenta mill-fatt li matul il-konvivenza matrimonjali l-attur wera bil-komportament tieghu li huwa kien insensittiv fil-konfront taghha, u tirrakkonta ezempji f' dan ir-rigward; fosthom li l-attur ma kienx imidd idejh, u ma kienx jerfa' r-responsabbilitajiet tieghu lejn martu u t-tifel il-kbir taghhom. Tikkonferma li meta hi kienet tqila bit-tieni tarbija taghhom, huwa kien johrog ma' mara ohra.

"Il-konvenuta tikkonferma li l-att taz-zwieg bejniethom dejjem sar miftuh ghat-tfal, bir-rizultat li, nonostante l-inkwiet ta' bejniethom, huma kellhom ukoll it-tieni tarbija ftit qabel is-separazzjoni.

"**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

"[1] Il-Qorti tosserva li, kif inhu assodat fil-gurisprudenza lokali, il-fatt li persuna tizzewweg ghall-motivi zbaljati, dan il-fatt per se ma jwassalx necessarjament ghan-nullita' taz-zwieg.

"Fil-kaz in dizamina, din il-qorti taccetta bhala veritiera l-allegazzjoni, korroborata, ta' l-attur li dan kien imdejjaq jghix fid-dar tal-genituri tieghu minnhabba l-komportament ta' missieru, izda mill-provi ma jirrizultax li, fil-mument tal-ghoti tal-kunsens matrimonjali tieghu, l-attur eskluda l-obbligi tal-hajja konjugali jew kien inkapaci li jezegwihom. Anzi, il-provi juru l-kuntrarju, ghax, apparti mill-konsiderazzjoni li meta zzewwgu, il-partijiet kellhom 28 sena, u apparti mill-fatt li dawna kienu ilhom johorgu ma' xulxin qabel iz-zwieg, circa hames [5] snin, huma, wara z-zwieg ghexu l-konvivenza matrimonjali li matulha

[2] Dep. Fol.90

pprokreaw zewgt-it tfal fi spazju ta' circa sentejn, u ta' circa sitt snin, rispettivament, mid-data taz-zwieg.

"[2] Illi l-allegazzjoni emfatika da parti ta' l-attur, fis-sens li huwa bniedem mgerrex, joqghod ghal kollox u jibza minn martu ghax tghajjat, hija kontraddetta mill-istess konvenuta li minn naha taghha ssostni li fiz-zwieg l-attur kien pjuttost dominanti u ried li kollox isir kif ried hu. Anzi jidher li dina kienet il-problema li l-dghajjfet l-izvilupp tar-relazzjoni matrimonjali taghhom, u li eventwalment wasslet ghal bruda fir-relazzjonijiet intimi bejniethom.

"[3] Illi l-allegazzjoni ta' l-attur li hu kien johrog ma' "hafna tfajliet" matul il-konvivenza matrimonjali, mhijiex korroborata bl-ebda mod, anzi tinsab kontradetta mill-fatt ammess mill-istess attur li hu ma kienx jirrezizti ghall-avvanzi ta' martu,[3] liema fatt wassal biex il-partijiet ikollhom it-tieni tarbija.

"[4] Illi mhux kull nuqqas da parti tal-konjugi, u mhux kull inkwiet matrimonjali partikolarkment jekk gej mill-inkompatibbilita' ta' karattru, jssodisfa l-estremi rikjesti ghan-nullita' taz-zwieg.

"Il-Qorti hija tal-fehema li f' dan il-kaz, il-partijiet irriskontraw problemi fil-hajja matrimonjali taghhom li eventwalment wasslu sabiex l-attur jidhol f' relazzjoni extra matrimonjali waqt il-konvivenza matrimonjali u meta martu kienet tqila bit-tieni tarbija.

"Izda l-provi juri li l-partijiet ikkonvivew il-hajja konjugali ghal certu perijodu ta' zmien li matulu huma kienu jaghmlu l-att taz-zwieg minghajr prekawzjoni, u di fatti ghandhom zewgt-it tfal minn dan iz-zwieg.

"Illi rigward il-kawzalijiet proposti mill-attur ghall-akkoljiment tat-talba tieghu, il-Qorti tosserva:

"[a] Illi ma gie provat ebda qerq da parti ta' xi parti dwar kwalita' tal-parti l-ohra li setghet kienet ta' tfixkil

[3] Fol.53

serju ghall-hajja mizzewwga. Il-partijiet iffrekwentaw lil xulxin ghal hames snin qabel iz-zwieg, u kienu jafu lil xuxlin, u ma kien hemm ebda qerq da parti ta’ hadd.

“[b] Illi ma giex provat li fil-mument tal-ghoti tal-kunsens matrimonjali l-partijiet kienu affetti minn difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju fuq il-hajja matrimonjali. Fil-fatt huma ghexu l-hajja matrimonjali ghal certu zmien li matulu kellhom zewgt-it tfal. Ghall-istess raguni ma rrizultax li xi parti kienet tbati minn anomalija psikologika serja li ghamlita mpossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg.

“[c] Illi ma rrizultax li fil-mument tal-ghoti tal-kunsens matrimonjali il-partijiet, jew parti, eskludew obbligu jew obbligi essenzjali ghal hajja matrimonjali; l-istess konsiderazzjoni fattwali ndikata fil-paragrafu precedenti, tikkonferma din il-konkluzjoni.
“[d] Illi ma rrizultax li l-kunsens matrimonjali tal-partijiet kien marbut ma’ xi kondizzjoni li tirriferi ghall-futur fit-termini tal-paragrafu [g] ta’ l-artikolu precitat.

“[e] Illi l-anqas tirrizulta l-ahhar kawzali, u cioe’ li kunsens tal-partijiet kien vizzjat fit-termini tal-paragrafu [h] ta’ l-artikolu precitat.

“Dan premess u kkunsidrat, il-Qorti hija tal-fehema li t-talba attrici ma gietx sostnuta bi provi adegwati, u ghalhekk ma timmeritax li tigi milqugha.”

Rat ir-rikors tal-appell tal-attur li in forza tieghu, ghar-ragunijiet minnu premessi, talab sabiex din il-Qorti:

“……filwaqt illi thassar u tirrevoka s-sentenza appellata, tiddeciedi billi tilqa’ t-talbiet attrici u sabiex prevja kull dikjarazzjoni li hija mehtiega skont il-ligi tiddikjara u tiddeciedi illi z-zwieg ikkuntrattat bejn l-esponenti u l-intimata huwa null u bla effett.”

Rat ir-risposta tal-konvenuta li in forza taghha, ghar-ragunijiet minnha premessi, irrimettiet ruhha ghall-atti

processwali kollha, izda ssottomettiet li m'ghandhiex tbati l-ispejjez tal-kawza;

Semghet lid-difensur;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Ikkunsidrat:

Illi din hi talba ghall-annullament taz-zwieg li sehh bejn il-partijiet fit-12 ta' Ottubru 1996. Minn dan iz-zwieg twieldu zewgt itfal u sussegwentement il-partijiet isseparaw fil-15 ta' Dicembru 2003. F'din il-kawza, li l-attur ressaq tmien snin wara s-separazzjoni, qed tintalab li l-imsemmi zwieg jigi dikjarat null *ai terminu* tal-Artikolu 19(1)(c)(d)(f)(g) u (h) tal-Att dwar iz-Zwieg (Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta).

L-ewwel Qorti cahdet it-talbiet tal-attur wara li qieset li ma hemm xejn fil-provi li juri li l-kunsens tal-partijiet fil-mument tal-ghoti tieghu kien b'xi mod vizzjat.

L-attur appella mis-sentenza bl-aggravju jkun li l-ewwel Qorti ma ghamlitx apprezzament korrett tal-fatti u kellha tqis li hu zzewweg biex jitlaq mid-dar ta' missieru, u ma kienx ippreparat ghall-obbligazzjonijiet li jitnisslu miz-zwieg.

Trattat l-appell, din il-Qorti, fl-ewwel lok, trid tirrimarka li ma tistax taqbel mal-mod kif saret din il-kawza. Din il-Qorti kellha diversi okkazzjonijiet fejn irrimarkat fuq kif kawzi ta' din ix-xorta qed isiru qishom *a fishing exercise*, billi dak li jkun iressaq bhala kawzali ghall-annullament taz-zwieg tieghu kull raguni possibbli, minghajr ma jqies bis-serjeta` taht liema kappa jista' jaqa' l-kaz tieghu. Il-kawzi ma ghandhomx isiru bil-hsieb ta' "fejn laqat, laqat", u l-parti ghandu, qabel ma jressaq it-talba tieghu, janalizza sew il-posizzjoni tieghu biex jindirizza l-kawza mill-ewwel ghal dik ir-raguni li, skont hu, tista' twassal ghad-dikjarazzjoni ta' nullita` taz-zwieg tieghu.
Barra minn dan, il-partijiet ma jirrealizawx li, fl-entuzjazmu biex jippruvaw jinkludu l-kawzali kollha possibbli, jikkontradixxu lilhom nfushom, bhal meta jissottomettu fl-

istess nifs li kellhom hsieb u maturita` bizzejjed biex jeskludu pozittivament iz-zwieg innifsu, u wkoll li ma kienux maturi u ma kellhomx diskrezzjoni sufficjenti biex jaghmlu gudizzju fuq il-hajja mizzewga. Mhux l-ewwel darba li kemm il-Qorti Civili, kif ukoll din il-Qorti, ghamlu osservazzjonijiet fuq il-kontradizzjoni inerenti f'dawn iz-zewg kawzali. Ricentement, din il-Qorti, fil-kawza **Arqueros v. Arqueros Moreno**, deciza fit-30 ta' Lulju 2010, ghamlet din l-osservazzjoni fuq il-kwistjoni:

*"L-attrici appellat bl-aggravji jkunu li l-ewwel Qorti ma qiesitx sew il-fatti li ghandhom iwasslu ghal dikjarazzjoni ta' nullita` ta' zwieg fuq bazi ta' simulazzjoni u fuq bazi ta' nuqqas ta' diskrezzjoni ta' gudizzju. Il-konvenut, ghalkemm notifikat, anke b'kopja bl-Ingliz tar-rikors tal-appell u tal-avviz tas-smigh, baqa' ma deherx.*

*"L-attrici ma apprezzatx, pero`, li l-kawzali li resqet bhala bazi ghat-talba taghha huma kontradittorji. Jekk, kif qed tallega, il-partijiet ma kellhomx diskrezzjoni biex jgharfu x'inhuma l-elementi essenzjali taz-zwieg, ma jistax jinghad, fl-istess nifs, li huma kienu maturi bizzejjed tant li uzaw id-diskrezzjoni taghhom biex, b'att pozittiv, jeskludu z-zwieg innifsu jew xi elementi tieghu. Din il-kontradizzjoni apparenti fit-tezi tal-attrici ddghajjef mhux ftit it-tezi taghha, ghax bl-argumenti taghha favur dawn iz-zewg kawzali qed twaqqa l-argumenti kollha taghha stess. Hi, fil-fatt, tghid li hi u zewgha, b'att pozittiv u b'impenn tal-volonta`, eskludew z-zwieg u l-elementi tieghu, u dan ifisser, ovvjament li huma gharfu x'inhuma dawn l-elementi u riedu jwarbuhom. Fl-istess hin, tghid li fil-mument li fih huma kkuntrattaw iz-zwieg ma kellhomx apprezzament sufficjenti tal-portata tal-kuntratt ta' zwieg! Din il-Qorti tista' tieqaf hawn fit-trattazzjoni ta' dan il-kaz, ghax bl-argumenti taghha stess, l-attrici waqghet kull argument favur l-applikazzjoni ta' wahda jew l-ohra mill-kawzali."*

L-attur f'din il-kawza, tista' tghid li ressaq zewg cirkostanzi li, skont hu, ghandhom iwasslu ghal dikjarazzjoni ta' annullament taz-zwieg. Hu jghid li kien imdejjaq fid-dar tal-genituri tieghu, ghax missieru kien rett hafna fil-

konfront ta' uliedu, tant li, fi kliemu kienu jghixu "hajja ta' gideb id-dar", u huma kienu herqanin biex jitilqu minn dik id-dar, jew, biex nergghu nuzaw kliemu, biex "jaharbu mid-dar tal-genituri taghhom fl-aqsar zmien (li finanzjarmanet kien) possibbli". Hu jghid ukoll li dejjem wera inkapacita` li jassumi l-obbligi bazici li wiehed jistenna, u jispjega li ma kien ha ebda inizjattiva da parti tieghu fil-preparazzjonijiet ghat-tieg, u li hu ma jafx isajjar u jnaddaf, ghax dejjem ried lil xi hadd jiehu hsiebu.

Fil-konsiderazzjoni tal-ewwel cirkostanza, filwaqt li jista' jkun minnu li l-attur kellu seba' mitt sena biex jitlaq mid-dar, ma jirrizultax li hu zzewweg lill-konvenuta ghal dan l-iskop biss. Il-partijiet kienu madwar 5 snin gharajjes, u hadd ma qal li ma kienx ihobb lill-parti l-ohra jew li zzewweg lil dik il-parti l-ohra bilfors. Mhux kaz ta' bniedem li, biex ifittex jitlaq mid-dar, izzewweg l-ewwel mara li sab; il-partijiet ghamlu snin twal fil-kumpannija ta' xulxin u hasbu ghal zwieg mhux biss biex ikunu indipendenti, izda ghax riedu lill-xulxin.

Inoltre, kif jammetti l-attur, li zammu d-dar ma kienx li hu ma kienx mizzewweg, izda ghax hu ma kienx finanzjarjament indipendenti, tant li jghid li kemm hu kif ukoll hutu kienu herqana li jitilqu mid-dar fl-iqsar zmien "li finanzjarjament kien possibli".

Kwindi, meta wara certu zmien, kien akkwista certu kumdita` finanzjarja, ma kien hemm xejn li jzommu milli jitlaq mid-dar, u ma jirrizultax li, biex jaghmel dan, kellu bilfors jizzewweg.

Din is-sitwazzjoni tixbah hafna il-kaz ta' meta koppja jghidu li kellhom jizzewgu peress li l-mara harget tqila. Il-gurisprudenza hi konkordi li biex din il-kawzali taghti lok ghal dikjarazzjoni ta' annullament, it-tqala trid tkun hi li wasslet ghaz-zwieg u mhux biss ipprecipitat iz-zwieg (ara per ezempju, **Xuereb v. Xuereb**, deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fit-13 ta' Gunju 1995). F'dan il-kaz, ma jirrizultax li l-pressjoni fid-dar kienet li waslet ghaz-zwieg; l-attur ma weriex li hu ma riedx jizzewweg jew ma riedx jinghaqad f'familja mal-konvenuta, u kwindi ma jistax

jinghad li l-kunsens tieghu kien vizjat. Kif qalet il-Prim Awla tal-Qorti Civili fil-kawza **Camilleri v. Camilleri**, deciza fit-3 ta’ Ottubru 1995, ghalkemm il-missier kien bniedem ta’ dixxiplina stretta, ma jirrizultax li l-attur gie kostrett jaghzel iz-zwieg ghax f’mohhu dak kien l-uniku mod li bih seta’ jahrab mill-biza’ reverenzjali. Ma rrizultax li l-*internal freedom* tal-attur kien b’xi mod imxekkel, ghax kien ben konxju tal-konsegwenzi tal-pass li kien qed jaghmel.

Ghar-rigward ic-cirkostanzi l-ohra li, skont l-attur, juru li ma kellux diskrezzjoni sufficcjenti biex jifhem l-obbligazzjonijiet li jitnisslu miz-zwieg, hawn ukoll, ma jidhirx li hu rnexxielu jipprova dak li allega. Hawn hija rilevanti dak li qalet il-Prim Awla tal-Qorti Civili fil-kawza **Attard v. Attard**, deciza fit-18 ta’ Ottubru 1995, fejn inghad hekk:

*“Ma dak li jinghad f’dawk is-sentenzi (Angela Spiteri xebba Selvaggi v. Joseph Spiteri, 4 ta’ Novembru 1994, Nicholas Agius v. Rita Agius gia` Caruana, 25 ta’ Mejju 1995 u Janet Portelli v. Victor Portelli, 14 ta’ Awwissu 1995) wiehed jista’ jzid il-kumment tal-gurista Pompedda:*

*“L’incapacita` di cui si parla soltanto allora si verifichera` quando uno o entrambi I nubendi siano affetti da grave difetto di discrezione di giudizio, cioe` da grave carenza critico-valutativa circa l’oggetto del consenso. Quindi non una qualsiasi lacuna, non una qualsiasi leggerezza o fragilita` psichica puo` indurre tale incapacita`”*

*(Pompedda, M.F. Incapacita` di Natura Psichica in Matrimonio Canonico fra Tradizione e Rinnovamento, Edizioni Dehoniane (Bologna), 1991, p.230).*

*“Kif gie osservat ukoll fis-sentenza Portelli v. Portelli appena citata, biex jista’ jinghad li hemm dan d-difett irid jirrizulta li l-parti tkun priva b’mod sostanzjali, ossia gravi, minn dik il-fakolta` kritiko-estimattiva (jew kritiko-valutattiva) dwar l-oggett tal-kunsens taz-zwieg.”*

Ma jirrizultax f'dan il-kaz li l-attur huwa bniedem milqut b'inkapacita` hekk gravi li ma kienx jaf l-oggett tal-kunsens taz-zwieg. Hu kellu 28 sena meta zzewweg, u kien matur bizzejjed li jaf li bil-kunsens tieghu kien se johloq famlija, u li z-zwieg tieghu kien immirat ghall-prokreazzjoni tat-tfal. Il-fatt li l-attur irrifletta fuq il-pass li kien diehel ghalih u kien jaf l-importanza tieghu, hu indikattiv bizzejjed li juri l-elementi tal-hsieb u volonta` tali li jirrendu l-kunsens tieghu validu.

Il-fatt li ma ppartecipax fit-thejjija ghaz-zwieg u ma jafx isajjar (il-Qorti ma temminx li hawn xi hadd li onestament jista' jghid li ma jafx isajjar), ma jfissrux la li ma riedx jizzewweg, lanqas li ma kienx jaf xi jfisser zwieg. Mhux neccessarju li persuna tifhem il-konsegwenzi socjali u morali tal-kuntratt taz-zwieg biex jinghad li persuna ghandha livell adegwat ta' diskrezzjoni ta' gudizzju. L-importanti, kif qalet il-Prim Awla tal-Qorti Civili fil-kawza **D'Ugo v. D'Ugo**, deciza fit-28 ta' Gunju 1994, hu li l-attur fehem ir-relazzjoni li kellu mal-konvenuta, kellu l-hin jirrifletti fuqha, kif fil-fatt ghamel, u wara li rrifletta ghazel volontarjament il-pass li kellu jiehu. Il-fatt li illum ghandu relazzjoni stabbli ma' mara Filippina u jixtieq li jizzewwigha, juri l-vera hsieb wara din il-kawza u li l-attur, fuq kollox, jaf u jifhem x'inhu zwieg.

Ghar-rigward tal-kawzali l-ohra, xejn ma jirrizulta mill-provi. Ma gie ppruvat ebda qerq minn parti fil-konfront tal-ohra, la li huma rabtu z-zwieg ma' xi kundizzjoni li tirreferi ghall-futur u lanqas li fil-mument tal-ghoti tal-kunsens, hu kien deciz li ma jkunx fidil lejn martu. Seta' zzewweg a bazi ta' motivi zbaljati (ghax haseb li l-konvenuta kienet kapaci tiehu hsiebu), pero`, kif inhu risaput dan ma jwassalx ghan-nullita` taz-zwieg.

Ghaldaqstant, ghal dawn ir-ragunijiet u ghal dawk imsemmija mill-ewwel Qorti fil-konsiderazzjoni taghha, tiddisponi mill-appell interpost mill-attur billi tichad l-istess u tikkonferma s-sentenza tal-ewwel Qorti bl-ispejjez kollha kontra tieghu.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------